# Il-President Abraham Zammit u l-bidu tal-Każini fil-Gudja



Magte. Gaud. P. Borg, LL.D.

Fis-snin li ġew wara li għalaq il-każin tal-Banda ta' Santa Marija fil-Gudja, fl-1915, in-nies dilettanti tal-mużika bdew jiltaqgħu jdoqqu bejniethom fil-ħanut tal-inbid ta' Żwakk, fil-bidu tal-misraħ min-naħa tat-triq illum Raymond Caruana. Fil-ħanut magħhom, għalkemm ma kienx jaf idoqq, kien ikun hemm is-Sur Abraham Zammit li 'l quddiem sar l-ewwel President tal-każin "Taċ-Ċintura". (Għal min irid ikun jaf, 'Żwakk' kienu jsejħu lil xi ħadd li kien jiddandan għax jippretendi li kien ikun liebes sabiħ).

Is-Sur Abraham Zammit kien raġel rispettat. Twieled fil-Gudja fis-7 ta' April, 1890, u ta' 16-il sena daħal bħala apprentist fl-iskola tat-Tarzna minn fejn ikkwalifika bħala '*Boiler Maker*'. Iżżewweġ lis-sinjorina Maria Carmela minn Bormla u għall-ewwel ftit baqgħu joqogħdu Bormla.

'Il quddiem ġew fil-Gudja u kienu joqogħdu fi Triq l-Annunzjata 'l fuq eżatt fid-dar fejn qabel kien hemm il-MUSEUM TAS-SUBIEN. Kellhom erbat itfal, Rita, Dorina, Rebecca u tifel jismu Nazzareno. Abraham kellu wkoll ħanut ta' ħaddied fl-isqaq qabel taqbad l-għassa tal-pulizija. Mill-Gudja, il-familja Zammit reġgħet marret toqgħod f'Raħal Ġdid. Nazzareno għadu kull sena jitla' l-Gudja għall-festa ta' Santa Marija.

Hu għandu tifel jismu wkoll Abraham Zammit, li llum hu Supretendent tal-Pulizija u eks Direttur tal-Ħabs. Għall-ewwel xhur tal-gwerra rritornaw il-Gudja bħala refuġjati u ġew joqogħdu l-ewwel fid-dar tal-każin taċ-Ċintura, fi Triq Santa Marija, imbagħad reġgħu ġew eżatt quddiemi fejn kont inżilt noqgħod jien, fi Triq Raymond Caruana. Abraham Zammit (senior) miet fit-23 ta' Awwissu, 1955, fl-età ta' 65 sena.

Jidher li l-ħanut tal-inbid (Wine and Spirits) ta' Żwakk kien popolari u frekwentat minn bosta rġiel. F'dak iż-żmien la kien hawn karozzi u lanqas mezzi oħra ta' divertiment. Is-sengħa tan-nies tal-Gudja kienet l-aktar bħala bdiewa fl-għelieqi, jew bil-baqqun jaqtgħu l-ġebel fil-barrieri tal-Imqabba. Ħafna nies kienu llitterati, lanqas biss kienu jafu jiktbu isimhom. Kien f'dak il-ħanut tal-inbid ta' Żwakk li beda d-diskors biex jerġgħu jiftħu l-każin ta' Santa Marija.

Is-Sur Abraham Zammit (senior) kien jieħu parti fid-diskors u kien jissuġġerixxi ideat dwar il-formazzjoni tar-regolamenti. Kien hu li ssuġġerixxa liz-ziju tiegħi ĠanMari Galdies bħala President, kienu ġirien u ħbieb. Għal xi raġuni s-Sur Zammit imma, qatt ma wera l-interess li jidħol magħhom fil-kumitat "Altrimenti konna naċċettawh bil-ferħa", qalli z-ziju waqt li rrakkontali din l-istorja. Meta ntagħżel il-kumitat proviżorju, iż-Żwakk offrielhom id-dar tal-familja tiegħu, kantuniera ma' Triq id-Dejqa bil-gallerija għal fuq il-misraħ li kienet ilha xi ftit battala. Aċċettawha bil-kera ta' erba' liri (L4) fis-sena; ħallsu l-ewwel lira għal tliet xhur – April, Mejju u Ġunju, 1919. L-idea kienet li l-każin kien ser jerġa' jkun ta' Santa Marija bi tkomplija mal-każin ta' qabel.

Il-każin antik kemm-il darba kien għalaq u reġa' fetaħ. Fl-ewwel Ħadd li ġie wara li ħadu ċ-ċwievet, għal xi s-sagħtejn ta' waranofsinhar, in-nies ħadu ritratt fuq il-bejt. Dak ir-ritratt ta' April, 1919, juri numru sew ta' rġiel bis-Sur Abraham Zammit prominenti quddiem. Fis-sagħtejn, iz-ziju tiegħi GanMari Galdies kien laħaq telaq u mhux fir-ritratt. Naf li l-familja tas-Sur Spettur Abraham Zammit li joqogħdu Raħal Ġdid għad għandhom dak ir-ritratt storiku. Ir-ritratti għandhom jinżammu għax juru u jikkonfermaw il-ġrajjiet tal-istorja.

Dakinhar tar-ritratt in-nies kollha tal-Gudja kien għadhom flimkien bil-ħsieb li jiftħu każin wieħed għal kulħadd, għalkemm xi diskors biex il-każin il-ġdid ikun għar-Rużurjanti biss kien ġa beda. Kien hemm min kien qiegħed jibża' li jekk jerġgħu jiftħu l-każin ta' Santa Marija kien jerġa' jinqala' l-inkwiet u jerġa' jisfratta. Il-partiti tal-festi sekondarji ma kinux għadhom akkaniti kontra xulxin, u fil-Knisja, iż-żewġ fratellanzi kienu għadhom jagħmlu użu mill-istess statwa waħda tal-Madonna għall-festi kollha tagħhom. Ma ġietx opposta l-idea li l-każin jinfetaħ għall-festa tal-Madonna tal-Warda, fl-ewwel Ħadd ta' Mejju. Is-Sur Ġakkino Calleja, tifel, neputi ta' Zwakk, indaħal biex ibajjad id-dar tal-każin il-ġdid.

Ġara però li sal-ewwel Ħadd ta' Mejju, ix-xogħol tat-tibjid tal-każin kien għadu mhux lest, u ladarba





kienet laħqet għaddiet il-festa, qablu li l-każin jitlesta mingħajr għaġla u l-ftuħ tiegħu ħallewh mhux għattieni Ħadd imma għal nhar it-tielet Ħadd ta' Mejju meta kellu jsir festin tal-inawgurazzjoni.

Niftakar li f'dawk il-ġranet tal-1919 f'Malta kien hawn il-faqar u nuqqas ta' xogħol li wassal għall-irvellijiet tas-Sette Giugno. Ikel u xorb, għaldaqstant, kien ta' sodisfazzjon aktar mis-soltu. Qamet il-kwistjoni min kien ser ikun mistieden u min ma kienx. Ġara li dawk imxaqilbin lejn il-festa tal-Madonna taċ-Ċintura ma ġewx mistiedna, ħlief għal wieħed li kellu lil ħutu kollha ma' tar-Rużarju. Is-Sur Abraham Zammit li qabel kien biered, issa ma kienx mistieden u dar kontra.

Kienu dawk l-inviti li ġegħlu lin-nies taċ-Ċintura biex jiftħu każin ieħor għalihom biss. Is-Sur Abraham Zammit aċċetta li jsir il-President.

Il-każin taċ-Ċintura nfetaħ fi Triq Santa Marija fil-ġurnata ta' nhar il-Ġimgħa filgħaxija, jumejn biss qabel it-tielet Ħadd ta' Mejju, 1919. B'hekk bdiet il-firda bejn iż-żewġ każini tal-banda preżenti fil-Gudja. Billi ż-żewġ każini fetħu hekk ġo xulxin kienet għadha tbaqbaq sa żmien tfuliti qabel il-gwerra, u z-ziju GanMari Galdies kien ammetta miegħi li "Din il-kwistjoni hi dibattibbli". Illum però, jista' tajjeb jingħad li dawn iż-żewġ każini fil-Gudja fetħu flimkien f'Mejju tal-1919.

## Anniversarju mit-twaqqif tal-Għaqda Mużikali Marija Assunta

### 16 ta' Mejju 1919

**Oriġinarjament l-Għaqda tagħna ġiet iffurmata bl-isem 'Circolo Musicale Indipendente', fejn fis-sena 2019 ser tkun qed tiċċelebra l-100 sena mit-twaqqif tagħha. Minn informazzjoni illi għandha s-Soċjetà, jidher li din kienet twaqqfet eżattament il-Ġimgħa 16 ta' Mejju 1919. Din l-informazzjoni tiġi wkoll ikkonfermata fl-artiklu t'hawn fuq tal-Maġistrat Gaudenz P. Borg LL.D. Għalkemm bi ftit ġranet, l-Għaqda tagħna kienet l-ewwel li twaqqfet ġewwa l-Gudja.**